Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8583/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0066 (NLE)

ASIE 22
RECH 191

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar it-tiġdid tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew - Qbil fil-prinċipju

1. Fis-26 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim[1] għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja.

2. Wara l-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka (Kwistjonijiet Atomiċi) fit-3 ta' April 2025 u konsultazzjoni sussegwenti bil-miktub, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka qabel mal-proposta.

3. Bil-ħsieb li titħejja l-adozzjoni tat-tiġdid ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jipprovdi qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar it-tiġdid ta' dan il-Ftehim kif rivedut mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 8080/25 u jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

[1] ĠU L 213, 9.8.2002, p. 29–29